



**F'każ ta' diskrepanzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti,  
għandha tipprevali l-verżjoni bl-Ingliż.**



## **Programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)**

Sejħa għal proposti

Networks tal-Ibriet

(CERV-2024-CITIZENS-TOWN-NT)

Verżjoni 1.0  
23 ta' Novembru 2023



<b>L-ISTORJA TAL-BIDLJET</b>			
<b>Verzjon i</b>	<b>Data tal-Pubblikazzj oni</b>	<b>Bidla</b>	<b>Paġn a</b>
1.0	23.11.2023	▪ Verżjoni inizjali (QFP 2023-2024)	
		▪	
		▪	
		▪	



## AĠENZIJA EŻEKUTTIVA EWROPEA GĦALL-EDUKAZZJONI U GĦALL-KULTURA (EACEA)

EACEA.B - Kreattività, Ċittadini, Valuri tal-UE u Operazzjonijiet konġunti  
EACEA.B.3 — Ċittadini u Valuri tal-UE

### SEJĦA GĦAL PROPOSTI

#### WERREJ

Objettivi .....	6
Temi u prijoritajiet (kamp ta' applikazzjoni) .....	6
Attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati (kamp ta' applikazzjoni) .....	7
L-impatt mistenni .....	7
Parteċipanti eliġibbli (pajjiżi eliġibbli) .....	10
Il-kompożizzjoni tal-konsorzju .....	11
Attivitajiet eliġibbli .....	11
Post ġeografiku (pajjiżi fil-mira) .....	11
Durata .....	12
L-etika u l-valuri tal-UE .....	12
Kapaċità finanzjarja .....	12
Kapaċità operattiva .....	13
Esklużjoni .....	14
Data tal-bidu u durata tal-proġett .....	17
Stadji importanti u riżultati tanġibbli .....	17
Il-forma tal-ġhotja, ir-rata ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-ġhotja .....	17
Il-kategoriji tal-baġit u r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż .....	17
Arranġamenti ta' rappurtar u ta' pagament .....	18
Garanziji ta' prefinanzjament .....	18
Ċertifikati .....	19
Sistema ta' responsabbiltà għall-irkupri .....	19
Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-proġett .....	19
Speċifiċitajiet oħra .....	19
Nuqqas ta' konformità u ksur tal-kuntratt .....	19

## 0. Introduzzjoni

Din hija sejħa għal proposti għal **għotjiet għal azzjoni** tal-UE fil-qasam tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini taħt il-**Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)**. Il-qafas regolatorju għal dan il-Programm ta' Finanzjament tal-UE huwa stabbilit:

- fir-Regolament 2018/1046 (ir-[Regolament Finanzjarju tal-UE](#))
- fl-att bażiku (ir-Regolament [2021/692](#)<sup>1</sup>).

Is-sejħa titnieda f'konformità mal-Programm ta' Ħidma għall-2023-2024<sup>2</sup> u se tiġi mmaniġġgata mill-**Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura (EACEA)** ("Aġenzija").

Is-sejħa tkopri s-**suġġett** li ġej:

- **CERV-2024-CITIZENS-TOWN-NT** — biex tippromwovi skambji bejn ċittadini ta' pajjiżi differenti, b'mod partikolari permezz ta' networks tal-ibliet.

 Jekk jogħġbok innota li din is-sejħa hija soġġetta għall-adozzjoni finali tal-baġit mill-awtorità baġitarja tal-UE. F'każ li jkun hemm bidliet sostanzjali, jista' jkun li jkun hemm bżonn li jkollna nimmodifikaw is-sejħa (jew saħansitra li nikkancellawha).

Nistednuk taqra bir-reqqa d-**dokumentazzjoni tas-sejħa**, u b'mod partikolari dan id-Dokument tas-Sejħa, il-Mudell tal-Ftehim tal-Għotja, il-[Manwal Online tal-Portal tal-UE għall-Finanzjament u l-Offerti](#) u l-[Għotjiet tal-UE AGA — Ftehim tal-Għotja Annotat](#).

Dawn id-dokumenti jipprovdu kjarifiki u tweġibiet għall-mistoqsijiet li jista' jkollok meta tkun qed tfejji l-applikazzjoni tiegħek:

- id-[Dokument tas-Sejħa](#) jiddeskrivi:
  - l-isfond, l-objettivi, il-kamp ta' applikazzjoni, l-attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati u r-riżultati mistennija (it-Taqsimiet 1 u 2)
  - l-iskeda ta' żmien u l-baġit disponibbli (it-taqsimiet 3 u 4)
  - il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà u eliġibbiltà (inklużi dokumenti obbligatorji; it-taqsimiet 5 u 6)
  - il-kriterji għall-kapaċità finanzjarja u operazzjonali u l-esklużjoni (it-Taqsima 7)
  - il-proċedura ta' evalwazzjoni u għoti (it-taqsima 8)
  - il-kriterji għall-għoti (it-taqsima 9)
  - l-istabbiliment legali u finanzjarju tal-Ftehimiet ta' Għotja (it-taqsima 10)
  - kif tissottometti applikazzjoni (it-taqsima 11)
- il-[Manwal Online](#) jiddeskrivi:

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (ĠU L 156 5.5.2021, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 8588 final tal-1 ta' Diċembru 2022 dwar il-finanzjament tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2023-2024

- il-proċeduri għar-reġistrazzjoni u għas-sottomissjoni ta' proposti online permezz tal-Portal tal-UE għall-Finanzjament u l-Offerti ("Portal")
- ir-rakkomandazzjonijiet għat-tnejn tal-applikazzjoni
- I-AGA — il-Ftehim ta' Għotja Annotat jinkludi:
  - annotazzjonijiet dettaljati fuq id-dispożizzjonijiet kollha fil-Ftehim ta' Għotja li inti trid tiffirma sabiex tikseb l-għotja (*inkluż l-eliġibbiltà tal-kostijiet, l-iskeda tal-pagamenti, l-obbligi aċċessorji, eċċ.*).

Inti mħeġġeġ/mħeġġa wkoll iżżur is-[sit web tar-Riżultati tal-Proġett tal-Programm CERV](#), is-[sit web tar-Riżultati tal-Proġett tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini](#), is-[sit web tar-riżultati tal-Programm REC](#) u s-[Sett ta' Għodod tal-Programm Daphne](#) biex tikkonsulta l-lista ta' proġetti li ġew iffinanzjati qabel.

## 1. Kuntest

Il-programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jipprovdi finanzjament għall-involvement taċ-ċittadini, l-ugwaljanza għal kulħadd u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-valuri tal-UE. Il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (minn hawn 'il quddiem "il-programm") jiġbor flimkien il-programm preċedenti tad-Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza<sup>3</sup> u l-programm preċedenti L-Ewropa għaċ-Ċittadini<sup>4</sup>.

Il-programm jipromwovi skambji bejn nies ta' pajjiżi differenti, isaħħaħ il-fehim reċiproku u t-tolleranza u jagħtihom l-opportunità li jwessgħu l-perspettiva tagħhom u jiżviluppaw sens ta' appartenenza u identità Ewropea permezz tal-ġemellaġġ u n-networks tal-ibliet. Filwaqt li jżomm approċċ minn isfel għal fuq, il-programm jipprovdi wkoll, b'mod partikolari għal networks tal-ibliet, opportunità biex wieħed jiffoka fuq il-prijoritajiet tal-UE. Dan ifisser, pereżempju, titjib tal-għarfien lokali dwar id-drittijiet li jirriżultaw miċ-[ċittadinanza tal-UE](#) jew il-bini tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-benefiċċji tad-diversità, inkluż l-għarfien espert dwar il-ġeneru u l-intersezzjonalità, kif ukoll miżuri effettivi dwar kif għandhom jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni u r-razziżmu fil-livell lokali. Il-programm ta' ħidma se jippermetti wkoll lill-ibliet sabiex jinvolvu liċ-ċittadini u lill-komunitajiet f'diskussjonijiet u f'azzjonijiet dwar il-klima u l-ambjent, inklużi kwistjonijiet relatati mal-enerġija, u dwar is-solidarjetà u l-migrazzjoni. Fl-aħħar nett, il-[Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità](#) se jirrikonoxxi r-rwol li l-bliet u l-awtoritajiet lokali għandhom fit-trawwim tad-diversità, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-inklużjoni.

Din is-Sejħa għal proposti għandha l-għan li tappoġġa l-inizjattivi ta' politika li ġejjin: Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea<sup>5</sup>, Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni<sup>6</sup>, Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu, Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020<sup>7</sup>.

## 2. Obiettivi — Temi u prijoritajiet — Attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati — Impatt mistenni

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62)

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3)

<sup>5</sup> [Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea](#)

<sup>6</sup> [Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni](#)

<sup>7</sup> [Ir-Rapport tal-2020 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE](#)

### Objettivi

- Li jippromwovi skambji bejn ċittadini ta' pajjiżi differenti, isaħħaħ il-fehim reċiproku u t-tolleranza u jagħtihom l-opportunità li jwessgħu l-perspettiva tagħhom u jiżviluppaw sens ta' appartenenza u identità Ewropea;
- Li jippermetti lill-ibliet sabiex jinvolvu liċ-ċittadini u lill-komunitajiet f'diskussjonijiet u f'azzjonijiet dwar il-klima u l-ambjent, inklużi kwistjonijiet relatati mal-enerġija, u dwar is-solidarjetà u l-migrazzjoni. Li ċ-ċittadini jingħataw l-opportunità li jiskopru d-diversità kulturali tal-Unjoni Ewropea u li jsiru konxji li l-valuri u l-wirt kulturali Ewropej jikkostitwixxu l-pedament għal futur komuni;
- Li jitħeġġu l-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet u l-iskambju tal-aħjar prattiki;
- Li tiġi appoġġata governanza lokali tajba u jiġi rinforzat ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

Huwa mistenni li l-proġetti Networks tal-Ibliet jirriflettu fuq narrattiva olistika għall-Ewropa, waħda li hija orjentata lejn iċ-ċittadini, li tippromwovi l-ugwaljanza, li tħares 'il quddiem u li tkun kostruttiva u li tqanqal aktar lill-ġenerazzjoni żagħżugħa b'mod partikolari. Il-proġetti jistgħu jkunu bbażati fuq l-eżitu ta' konsultazzjonijiet maċ-ċittadini u jistgħu jwasslu għal dibattiti dwar modi konkreti kif tista' tinħoloq Unjoni aktar demokratika, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom mill-ġdid mal-UE u biex jiġi żviluppat sens aktar b'saħħtu ta' sjieda tal-proġett Ewropew.

In-Networks tal-Ibliet għandhom jipprovdu lill-ibliet u lill-muniċipalitajiet bil-possibbiltà li japprofondixxu u jintensifikaw il-kooperazzjoni u d-dibattitu tagħhom f'perspettiva fit-tul, li jiżviluppaw networks sostenibbli u li jiddeskrivu l-viżjoni fit-tul tagħhom għall-futur tal-integrazzjoni Ewropea.

### Temi u prioritajiet (kamp ta' applikazzjoni)

Filwaqt li jinżamm approċċ minn isfel għal fuq, jista' jkun hemm fokus speċifiku fuq

- Il-promozzjoni tas-**sensibilizzazzjoni u l-bini ta' għarfien dwar ir-rwol tal-minoranzi**, bħal persuni bi sfond minoritarju u razzjali jew etniku (pereżempju r-Rom u l-migranti), fis-soċjetà Ewropea u l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp kulturali tal-Ewropa;
- L-identifikazzjoni ta' modi biex ikomplu **jissaħħu d-dimensjoni Ewropea u l-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE** u t-trawwim ta' governanza demokratika ħielsa, miftuħa u b'saħħitha f'era ta' parteċipazzjoni baxxa fl-elezzjonijiet, tal-populiżmu, tad-diżinformazzjoni u tal-isfidi li qed tiffaċċja s-soċjetà ċivili, billi jiġi appoġġat l-involvement attiv taċ-ċittadini fil-ħajja politika Ewropea u l-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom;
- **It-tlaqqiġ taċ-ċittadini flimkien biex jiddiskutu azzjonijiet dwar il-klima u l-ambjent**, inklużi kwistjonijiet relatati mal-enerġija, is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u b'hekk jikkontribwixxu biex jiżded l-involvement taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-aħħar mill-aħħar l-involvement attiv tagħhom fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

Minbarra din l-enfasi speċifika, il-proġetti tan-Networks tal-Ibliet jistgħu wkoll jirriflettu b'mod aktar ġenerali, iżda mhux esklussivament, fuq kwalunkwe impatt li l-pandemija tal-COVID-19 seta' kellha fuq il-ħajja fil-komunitajiet lokali tagħhom, fuq il-mod kif jaħdmu l-komunitajiet tagħhom u fuq il-forom li ħadu l-parteċipazzjoni u s-solidarjetà ċivika taħt il-kriżi tal-COVID-19 u kif dawn il-forom jistgħu jsiru sostenibbli fil-futur. Il-proġetti jistgħu wkoll jieħdu ispirazzjoni minn jew jistgħu jkunu relatati mal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

### Attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati (kamp ta' applikazzjoni)

Attivitajiet jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, workshops, seminars, konferenzi, attivitajiet ta' taħriġ, laqgħat tal-esperti, webinars, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, avvenimenti ta' viżibilità għolja, ġbir ta' *data* u konsultazzjoni, żvilupp, skambji u tixrid ta' prattiki tajba fost l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, żvilupp ta' għodod ta' komunikazzjoni u użu tal-media soċjali.

- Taħt din il-miżura, il-muniċipalitajiet jew ir-reġjuni u l-assoċjazzjonijiet li jaħdmu flimkien f'perspettiva fit-tul huma mistiedna jiżviluppaw networks tal-ibliet biex jagħmlu l-kooperazzjoni tagħhom aktar sostenibbli u biex jiskambjaw prattika tajba.
- In-Networks tal-Ibliet huma mistennija jintegraw firxa ta' attivitajiet madwar suġġetti ta' interess komuni relatati mal-oġġettivi tal-programm, li jinvolvu membri tal-komunità attivi fil-qasam tas-suġġett u li jimmiraw għas-sostenibbiltà.

Il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha titqies meta jtfassal il-“format” tal-attivitajiet, biex jiġi żgurat li din tkun aċċessibbli għan-nisa u għall-irġiel fuq termini ugwali, u kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet.

It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti huma mistennija li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni. Pereżempju, l-applikanti jistgħu jwettqu u jinkludu fil-proposta tagħhom analiżi tal-ġeneru, li tidentifika l-impatt differenti li l-proġett u l-attivitajiet tiegħu seta' kellu potenzjalment fuq in-nisa u l-irġiel kif ukoll il-bniet u s-subien fid-diversità kollha tagħhom. Għal dan il-għan, l-applikanti huma mħeġġa jikkonsultaw il-mistoqsijiet ewlenin elenkati fuq is-[sit web tal-EIGE](#) meta jwettqu l-analiżi tal-ġeneru tagħhom. Din l-analiżi tista' tgħin biex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv mhux intenzjonat tal-intervent fuq kwalunkwe ġeneru. (approċċ “tagħmilx ħsara”).<sup>8</sup>

L-applikanti huma mistennija jfasslu u jimplimentaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni tagħhom b'mod sensitiv għall-ġeneru. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-użu ta' lingwaġġ sensitiv għall-ġeneru. L-istess japplika għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Proposti li jintegraw perspettiva tal-ġeneru fl-attivitajiet kollha tagħhom se jitqiesu ta' kwalità ogħla.

### L-impatt mistenni

- Opportunità għall-ibliet u għall-muniċipalitajiet biex jiżviluppaw proġetti fuq skala akbar sabiex iżidu l-impatt u s-sostenibbiltà tal-proġetti tagħhom;
- Possibbiltà għall-benefiċjarji biex jiżviluppaw proġetti aktar tematiċi u relatati mal-politika;
- Involvement akbar taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-aħħar mill-aħħar involvement aktar attiv taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;
- Rabtiet dejjiema ma' organizzazzjonijiet sħab;
- Għarfien akbar tal-benefiċċji tad-diversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u r-razziżmu;

<sup>8</sup> Għal aktar informazzjoni ara t-taqsimha *L-Etika u l-valuri tal-UE*

- Żieda u inkoraġġiment ta' fehim reċiproku u l-aċċettazzjoni fil-konfront tal-minoranzi Ewropej, bħar-Rom;
- Informazzjoni aħjar dwar id-drittijiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-UE u l-implimentazzjoni aħjar tagħhom fl-Istati Membri.

### 3. Baġit disponibbli

Il-baġit disponibbli għas-sejħa huwa ta' **EUR 6 000 000**.

Id-disponibbiltà tal-baġit għas-sejħa għadha tiddependi mill-adozzjoni tal-baġit 2024 mill-awtorità baġitarja tal-UE.

Aħna nirriżervaw id-dritt li ma nagħtux il-fondi disponibbli kollha, skont il-proposti riċevuti u r-riżultati tal-evalwazzjoni.

### 4. Skeda ta' żmien u skadenzi

Skeda ta' żmien u skadenzi (indikattivi)	
Ftuħ tas-sejħa:	14 ta' Diċembru 2023
<u>Data tal-qheluq għas-sottomissjoni:</u>	<u>18 ta' April 2024 – 17:00:00 CET</u> (Brussell)
Evalwazzjoni:	Mejju - Lulju 2024
Informazzjoni dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni:	Ottubru 2024
Firma tal-GA:	Diċembru 2024 - Jannar 2025

### 5. Ammissibilità u dokumenti

Il-proposti jridu jiġu sottomessi qabel l-**iskadenza tas-sejħa** (*ara t-taqsimha 4 tal-iskeda ta' żmien*).

Il-proposti jridu jiġu sottomessi **b'mod elettroniku** permezz tas-Sistema ta' Sottomissjoni Elettronika tal-Portal tal-Finanzjament u l-Offerti (Funding & Tenders Portal Electronic Submission System) (aċċessibbli permezz tal-paġna tas-Suġġett (Topic) fit-taqsimha [Fittex Finanzjament u Offerti](#)). MHUX possibbli li s-sottomissjonijiet isiru fuq karta.

Il-proposti (inklużi l-annessi u d-dokumenti ta' sostenn) iridu jiġu sottomessi billi jintużaw il-formoli pprovdu fis-Sistema ta' Sottomissjoni Elettronika tal-Portal (⚠️ MHUX id-dokumenti disponibbli fuq il-paġna tas-Suġġett — dawk qegħdin hemm biss għall-informazzjoni).

Il-proposti jridu jkunu **mimlijin bis-sħiħ** u jrid ikun fihom l-informazzjoni kollha mitluba u l-annessi obligatorji kollha meħtieġa:

- Formola tal-Applikazzjoni Parti A (Application Form Part A) — fiha informazzjoni amministrattiva dwar il-parteċipanti (koordinatur futur, beneficijarji u entitajiet affiljati) u l-baġit fil-qosor għall-proġett (*għandha timtela direttament online*)

- Formola tal-Applikazzjoni Parti B (Application Form Part B) — tinkludi d-deskrizzjoni teknika tal-proġett (*għandha titniżżel mis-Sistema ta' Sottomissjoni Elettronika tal-Portal tal-Finanzjament u l-Offerti, timtela u mbagħad tinġabar flimkien u terġa' tittella'*)
- Il-Parti C fiha *data* addizzjonali dwar il-proġett u l-kontribut tal-proġett għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-programm tal-UE (*għandha timtela direttament online*)

#### **annessi obligatorji** (*għandhom jittellgħu*)

- Kalkulatur tas-somma sħiħa

#### **dokumenti ta' sostenn** (*għandhom jittellgħu*):

- lista ta' proġetti preċedenti (proġetti ewlenin għall-erba' snin preċedenti) (*mudell disponibbli fil-Parti B*). Mhux applikabbli għal organizzazzjonijiet li għadhom kif ġew stabbiliti
- CVs (standard) tat-tim ewlieni tal-proġett: għal organizzazzjonijiet privati mingħajr skop ta' qligħ biss (skont annessi oħrajn).
- rapporti tal-attività tas-sena l-oħra: għal organizzazzjonijiet privati mingħajr skop ta' qligħ biss. Mhux applikabbli għal organizzazzjonijiet li jkun għadhom kif ġew stabbiliti (skont annessi oħrajn).
- ittra ta' appoġġ iffirmata mill-Muniċipalitè (applikabbli għal applikanti u sħab taħt il-kategorija "Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tirrappreżenta awtorità lokali"). Id-dokument irid jiġi pprovdut mhux aktar tard mill-istadju tal-GAP.
- għal kwalunkwe wieħed mill-parteciċipanti li jimplementa attivitajiet li jinvolvu lit-tfal (żgħażaġh taħt l-età ta' 18-il sena): [l-entitajiet pubbliċi](#) jridu jiffirmaw u jehmżu dikjarazzjoni fuq l-unur (mudell għandu jiġi pprovdut fuq talba minn EACEA-CERV@ec.europa.eu); [l-entitajiet privati mingħajr skop ta' qligħ](#) iridu jissottomettu l-politika tagħhom dwar il-protezzjoni tat-tfal li tkopri l-erba' oqsma deskritti fl-[Istandards għas-Salvagwardja tat-Tfal biex it-Tfal Jinżammu Sikuri](#)

Fis-sottomissjoni tal-proposti, inti trid tikkonferma li għandek il-**mandat biex taġixxi** għall-applikanti kollha. Barra minn hekk se jkollok tikkonferma li l-informazzjoni fl-applikazzjoni hija korretta u kompluta u li l-parteciċipanti jikkonformaw mal-kundizzjonijiet biex jirċievu finanzjament mill-UE (speċjalment l-eliġibbiltà, il-kapaċità finanzjarja u operazzjonali, l-esklużjoni, eċċ.). Qabel ma tiffirma l-għotja, kull benefiċjarju u entità affiljata se jkollha tikkonferma dan mill-ġdid billi tiffirma dikjarazzjoni fuq l-unur (DoH). Il-proposti mingħajr appoġġ sħiħ se jiġu rifjutati.

L-applikazzjoni tiegħek trid tkun **tista' tinqara, tkun aċċessibbli u tkun tista' tiġi stampata**.

Il-proposti huma limitati għal massimu ta' **70 paġna** (Parti B). L-evalwaturi ma humiex se jqisu paġni addizzjonali.

Tista' tintalab tissottometti dokumenti ulterjuri aktar tard (*għall-validazzjoni tal-entità legali, il-kontroll tal-kapaċità finanzjarja, il-validazzjoni tal-kont bankarju, eċċ.*).

 Għal aktar informazzjoni dwar il-proċess ta' sottomissjoni (inklużi aspetti tal-IT), ikkonsulta l-[Manwal Online](#).

## 6. Eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati eliġibbli biss jekk il-kontenut tagħhom jikkorrispondi bis-sħiħ (jew tal-inqas parzjalment) mad-deskrizzjoni tas-suġġett li għalih jiġu sottomessi.

### Parteċipanti eliġibbli (pajjiżi eliġibbli)

Sabiex ikunu eliġibbli, l-applikanti (il-benefiċjarji) iridu:

- ikunu entitajiet legali (korpi pubbliċi jew privati)
- ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli, jiġifieri:
  - l-Istati Membri tal-UE (inklużi l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE))
  - pajjiżi mhux tal-UE:
    - pajjiżi assoċjati mal-Programm CERV ([lista ta' pajjiżi parteċipanti](#))
- applikanti ewlenin<sup>9</sup> u koapplikanti jridu jkunu bliet/muniċipalitajiet mingħajr skop ta' qligħ u/jew livelli oħra ta' awtoritajiet lokali jew il-kumitati ta' ġemellaġġ tagħhom jew organizzazzjonijiet oħra mingħajr skop ta' qligħ li jirrappreżentaw l-awtoritajiet lokali.

Kriterji ta' eliġibbiltà oħrajn:

- L-attivitajiet iridu jsiru f'mill-inqas żewġ pajjiżi eliġibbli differenti.
- L-applikazzjoni trid tinvolvi mill-inqas erba' applikanti (applikant ewlieni (jiġifieri "koordinatur") u mill-inqas tliet koapplikanti li ma jkunux entità affiljata jew sieħeb assoċjat) minn mill-inqas erba' pajjiżi eliġibbli differenti li minnhom mill-inqas tnejn ikunu Stati Membri tal-UE.

Il-benefiċjarji u l-entitajiet affiljati jridu jirreġistraw fir-[Reġistru tal-Parteċipanti](#) — qabel ma jissottomettu l-proposta — u se jkollhom jiġu vvalidati mis-Servizz Ċentrali ta' Validazzjoni (Validazzjoni REA). Għall-validazzjoni, huma se jintalbu jtellgħu dokumenti li juru l-istatus legali u l-oriġini.

Entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fi rwoli oħra ta' konsorzju, bħal sħab assoċjati, sottokuntratturi, partijiet terzi li jagħtu kontribuzzjonijiet in-natura, eċċ. (*ara it-taqsimha 13*).

### *Każijiet speċifiċi*

Persuni fiżiċi — Persuni fiżiċi MA HUMIEX eliġibbli (għajr persuni li jaħdmu għal rashom, jiġifieri kummerċjanti waħdanin, fejn il-kumpanija ma jkollhiex personalità ġuridika separata minn dik tal-persuna fiżika).

Organizzazzjonijiet internazzjonali — Organizzazzjonijiet internazzjonali huma eliġibbli. Ir-regoli dwar il-pajjiżi eliġibbli ma japplikawx għalihom.

Entitajiet mingħajr personalità ġuridika — Entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika skont id-dritt nazzjonali tagħhom jistgħu jipparteċipaw fuq bażi eċċezzjonali, diment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità li jassumu obbligi legali

<sup>9</sup> L-applikant ewlieni huwa l-"koordinatur" tal-konsorzju.

f'isimhom, u li dawn joffru garanziji għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE li jkunu ekwivalenti għal dawk offruti minn persuni ġuridiċi<sup>10</sup>.

Korpi tal-UE — Il-Korpi tal-UE (għajr iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea) MA JISTGĦUX ikunu parti mill-konsorzju.

Assoċjazzjonijiet u gruppi ta' interess — Entitajiet magħmula minn membri jistgħu jipparteċipaw bħala "benefiċjarji uniċi" jew "benefiċjarji mingħajr personalità ġuridika"<sup>11</sup>.  Jekk jogħġbok innota li jekk l-azzjoni se tiġi implimentata mill-membri, dawn għandhom jipparteċipaw ukoll (jew bħala benefiċjarji jew bħala entitajiet affiljati, inkella l-ispejjeż tagħhom MA HUMIEX se jkunu eliġibbli).

Pajjiżi li bħalissa qed jinnegozjaw ftehimiet ta' assoċjazzjoni — Benefiċjarji minn pajjiżi b'negozjati li għaddejjin għall-parteeċipazzjoni fil-programm (ara l-lista ta' pajjiżi parteeċipanti hawn fuq) jistgħu jipparteċipaw fis-sejħa u jistgħu jiffirmaw għotjiet jekk in-negozjati jiġu konklużi qabel l-iffirmar tal-għotja u jekk l-assoċjazzjoni tkopri s-sejħa (jiġifieri li tkun retroattiva u tkopri kemm il-parti tal-programm kif ukoll is-sena meta tnediet is-sejħa).

Miżuri restrittivi tal-UE — Regoli speċjali japplikaw għal ċerti entitajiet (eż. *entitajiet soġġetti għal [miżuri restrittivi tal-UE](#) skont l-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)*<sup>12</sup> Tali entitajiet mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw fi kwalunkwe kapaċità, inkluż bħala benefiċjarji, entitajiet affiljati, sħab assoċjati, sottokuntratturi jew riċevituri ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi (jekk ikun hemm).

 Għal aktar informazzjoni, ara [r-Regoli għall-Validazzjoni ta' Entità Legali, il-Ħatra ta' LEAR u l-Valutazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja](#).

### *Il-kompożizzjoni tal-konsorzju*

Il-proposti jridu jiġu sottomessi minn konsorzju ta' mill-inqas erba' applikanti (benefiċjarji), li jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-entitajiet huma bliet/muniċipalitajiet u/jew livelli oħra ta' awtoritajiet lokali, il-kumitati ta' ġemellaġġ tagħhom jew organizzazzjonijiet oħra mingħajr skop ta' qligħ li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet lokali; dawn l-entitajiet iridu jiġu minn mill-inqas erba' pajjiżi eliġibbli differenti li minnhom mill-inqas tnejn huma Stati Membri tal-UE.

### *Attivitajiet eliġibbli*

L-attivitajiet eliġibbli huma dawk stipulati fit-taqsimha 2 hawn fuq.

Il-proġetti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-proġetti appoġġati minn programmi oħra ta' finanzjament tal-UE. Il-komplementarjetajiet iridu jiġu deskritti fil-proposti tal-proġetti (il-Parti B tal-Formola ta' Applikazzjoni).

Il-proġetti jridu jikkonformaw mal-interessi u mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE (*bħall-ambjent, il-politika soċjali, tas-sigurtà, industrijali u kummerċjali, eċċ*).

L-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi mhuwiex permess.

### *Post ġeografiku (pajjiżi fil-mira)*

<sup>10</sup> Ara l-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE [2018/1046](#).

<sup>11</sup> Għad-definizzjonijiet, ara l-Artikolu 187(2) u 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE [2018/1046](#).

<sup>12</sup> Jekk jogħġbok innota li Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE jinkludi l-lista uffiċjali u, f'każ ta' kunflitt, il-kontenut tiegħu jipprevali fuq dak tal-[Mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE](#).

Il-proposti jridu jkunu relatati ma' attivitajiet li jseħħu fil-pajjiżi eliġibbli (*ara hawn fuq*).

### Durata

Il-proġetti għandhom idumu bejn 12-il xahar u 24 xahar (estensjonijiet huma possibbli, jekk ikunu debitament ġustifikati u permezz ta' emenda).

### L-etika u l-valuri tal-UE

Il-proġetti jridu jikkonformaw:

- mal-ogħla standards etiċi
- mal-valuri tal-UE bbażati fuq l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u
- ma' liġijiet oħra applikabbli fil-livell tal-UE, internazzjonali u nazzjonali (inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-[Data](#) [2016/679](#)).

Il-proġetti jridu jfittxu li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni f'konformità mas-[Sett ta' Għodod għall-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri](#). L-attivitajiet tal-proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-emanċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fid-diversità kollha tagħhom, filwaqt li jiżguraw li huma jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jgawdu l-istess drittijiet (*ara [L-istrumenti għall-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni, studji tal-każijiet u t-triq 'il quddiem](#)*). Dawn għandhom ifittxu wkoll li jnaqqsu l-livelli ta' diskriminazzjoni mġarrba minn gruppi partikolari (kif ukoll dawk f'riskju ta' diskriminazzjoni multipla) u li jtejbu l-eżiti tal-ugwaljanza għall-individwi<sup>13</sup>. Il-proposti għandhom jintegraw kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru u n-nondiskriminazzjoni fil-proposti u jkollhom fil-mira rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri fit-timijiet u fl-attivitajiet tal-proġetti. Huwa importanti wkoll li d-*data* individwali miġbura mill-benefiċjarji tiġi analizzata skont il-ġeneru ([data diżaggregata skont il-ġeneru](#)), id-diżabbiltà jew l-età kull meta dan ikun possibbli.

Fl-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti jridu juru li huma jirrispettaw il-prinċipji etiċi u l-valuri tal-UE bbażati fuq l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Barra minn hekk, il-parteċipanti b'attivitajiet li jinvolvu t-tfal irid ikollhom politika dwar il-protezzjoni tat-tfal li tkopri l-erba' oqsma deskritti fl-[Istandards għas-Salvagwardja tat-Tfal biex it-Tfal Jinżammu Sikuri](#). Din il-politika trid tkun disponibbli online u trid tkun trasparenti għal kull min jiġi f'kuntatt mal-organizzazzjoni. Din trid tinkludi informazzjoni ċara dwar ir-reklutaġġ tal-persunal (inklużi trainees u voluntiera) u trid tinkludi kontrolli tal-isfond (skrutinju). Din trid tinkludi wkoll proċeduri u regoli ċari għall-persunal, inklużi regoli ta' rappurtar, u taħriġ kontinwu. L-organizzazzjonijiet pubbliċi għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni ta' unur dwar ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tat-tfal (mudell disponibbli fis-Sistema ta' sottomissjoni).

## **7. Kapaċità finanzjarja u operazzjonali u esklużjoni**

### Kapaċità finanzjarja

L-applikanti għandu jkollhom **riżorsi stabbli u suffiċjenti** biex jimplimentaw il-proġetti b'suċċess u biex jikkontribwixxu s-sehem tagħhom. Organizzazzjonijiet li jipparteċipaw f'diversi proġetti jrid ikollhom biżżejjed kapaċità biex jimplimentaw dawn il-proġetti kollha.

<sup>13</sup> [Integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni – strumenti, studji tal-każ u t-toroq 'il quddiem](#)

Il-kontroll tal-kapaċità finanzjarja se jitwettaq abbażi tad-dokumenti li se tintalab ittella' fir-[Reġistru tal-Parteċipanti](#) matul it-tnejn tal-għotja (*eż. rapport tal-introjtu u karta tal-bilanċ, pjan ta' direzzjoni tan-negozju, rapport tal-awditjar prodott minn awditur estern approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja magħluqa, eċċ.*). L-analiżi se tkun ibbażata fuq indikaturi finanzjarji newtrali, iżda se tiegħu inkunsiderazzjoni aspetti oħra wkoll, bħad-dipendenza fuq il-finanzjament tal-UE kif ukoll id-defiċit u d-dħul fi snin preċedenti.

Il-kontroll normalment isir għall-benefiċjarji kollha, għajr:

- għal korpi pubbliċi (entitajiet stabbiliti bħala korp pubbliku skont il-liġi nazzjonali, inklużi awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali) jew organizzazzjonijiet internazzjonali
- jekk l-ammont tal-għotja mitlub mill-individwu ma jkunx aktar minn EUR 60 000.

Jekk meħtieġ, dan jista' jsir ukoll għall-entitajiet affiljati.

Jekk inqis li l-kapaċità finanzjarja tiegħek mhijiex sodisfaċenti, nistgħu nirrikjedu:

- aktar informazzjoni
- sistema ta' responsabbiltà finanzjarja msaħħa, jiġifieri responsabbiltà *in solidum* għall-benefiċjarji kollha jew obligazzjoni *in solidum* tal-entitajiet affiljati (*ara hawn taħt, it-taqsimha 10*)
- prefinanzjament imħallas bin-nifs
- garanzija ta' prefinanzjament (waħda jew aktar) (*ara hawn taħt, it-taqsimha 10*)

jew

- nipproponu l-ebda prefinanzjament
- talba li inti tiġi sostitwit jew, jekk meħtieġ, li l-proposta kollha tiġi miċħuda.

 Għal aktar informazzjoni, [ara r-Regoli għall-Validazzjoni ta' Entità Legali, il-Ħatra ta' LEAR u l-Valutazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja](#).

### ***Kapaċità operattiva***

L-applikanti jrid ikollhom l-**għarfien espert, il-kwalifiki u r-riżorsi** biex jimplementaw il-proġetti b'suċċess u jikkontribwixxu s-sehem tagħhom (inkluż esperjenza suffiċjenti fi proġetti ta' daqs u natura kumparabbli).

Din il-kapaċità se tiġi vvalutata flimkien mal-kriterju għall-għoti ta' kwalità, abbażi tal-kompetenza u l-esperjenza tal-applikanti u tat-timijiet tal-proġetti tagħhom, inklużi r-riżorsi operazzjonali (umani, tekniċi u oħrajn) jew, eċċezzjonalment, il-miżuri proposti biex din tinkiseb sa meta tibda l-implimentazzjoni tal-kompitu.

Jekk l-evalwazzjoni tal-kriterju għall-għoti tkun pożittiva, l-applikanti jitqiesu bħala li għandhom kapaċità operazzjonali suffiċjenti.

L-applikanti se jkollhom juru l-kapaċità operazzjonali tagħhom permezz tal-informazzjoni li ġejja:

- profili ġenerali (kwalifiki u esperjenzi) tal-persunal responsabbli għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni tal-proġett
- deskrizzjoni tal-parteċipanti fil-konsorzju

- lista ta' proġetti preċedenti (proġetti ewlenin għall-aħħar 4 snin) (mhux applikabbli għal organizzazzjonijiet li għadhom kif ġew stabbiliti)

Jistgħu jintalbu dokumenti ta' sostenn addizzjonali, jekk dawn ikunu meħtieġa biex tiġi kkonfermata l-kapaċità operazzjonali ta' xi applikant.

Il-korpi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma eżentati mill-kontroll tal-kapaċità operazzjonali.

### Esklużjoni

L-applikanti li huma soġġetti għal **deċiżjoni ta' esklużjoni tal-UE** jew li jkunu jinsabu f'waħda mis-**sitwazzjonijiet ta' esklużjoni** li ġejjin li żżommhom milli jirċievu finanzjament tal-UE MA JISTGĦUX jipparteċipaw<sup>14</sup>:

- falliment, stralċ, assi amministrati mill-qrati, arranġament mal-kredituri, sospensjoni tal-attivitajiet kummerċjali jew proċeduri simili oħra (inklużi proċeduri għal persuni b'responsabbiltà illimitata għad-djun tal-applikant)
- fi ksur tal-obbligi tas-sigurtà soċjali jew fiskali (inkluż jekk dan ikun sar minn persuni b'responsabbiltà illimitata għad-djun tal-applikant)
- instabu ħatja ta' mgħiba professjonali serja ħażina<sup>15</sup> (inkluż jekk dan ikun sar minn persuni b'setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, minn sidien benefiċjarji jew minn persuni li huma essenzjali għall-għoti/implimentazzjoni tal-għotja)
- wettqu frodi, korruzzjoni, rabtiet ma' organizzazzjoni kriminali, ħasil tal-flus, reati relatati mat-terroriżmu (inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu), tħaddim tat-tfal jew traffikar tal-bnedmin (inkluż jekk dan ikun sar minn persuni b'setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, minn sidien benefiċjarji jew minn persuni li huma essenzjali għall-għoti/implimentazzjoni tal-għotja)
- urew nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi ewlenin taħt kuntratt ta' akkwist tal-UE, ftehim ta' għotja, premju, kuntratt ma' espert, jew simili (inkluż jekk dan isir minn persuni li jkollhom setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, minn sidien benefiċjarji jew persuni li huma essenzjali għall-għoti/implimentazzjoni tal-għotja)
- ikunu ħatja ta' irregolaritajiet skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru [2988/95](#) (inkluż jekk dan isir minn persuni li jkollhom setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, minn sidien benefiċjarji jew persuni li huma essenzjali għall-għoti/implimentazzjoni tal-għotja)
- ikunu nħolqu taħt ġurisdizzjoni differenti bl-intenzjoni li jiġu evitati obbligi fiskali, soċjali jew obbligi legali oħra fil-pajjiż ta' oriġini jew ikunu nħolqu entità oħra għal dan il-għan (inkluż jekk din isir minn persuni li jkollhom setgħat ta' rappreżentanza, ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' kontroll, minn sidien benefiċjarji jew persuni li huma essenzjali għall-għoti/implimentazzjoni tal-għotja).

<sup>14</sup> Ara l-Artikoli 136 u 141 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE [2018/1046](#).

<sup>15</sup> Imġiba professjonali ħażina tinkludi: ksur tal-istandards etiċi tal-professjoni, imġiba ħażina b'impatt fuq il-kredibbiltà professjonali, dikjarazzjonijiet foloz/rappreżentazzjoni falza ta' informazzjoni, parteċipazzjoni f'kartell jew ftehim ieħor li jfikkil il-kompetizzjoni, ksur tad-DPI, tentattiv biex jiġu influwenzati l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew biex tikseb informazzjoni kunfidenzjali mill-awtoritajiet pubbliċi biex jinkiseb vantaġġ.

L-applikanti jiġu miċħuda wkoll jekk jirriżulta li<sup>16</sup>:

- matul il-proċedura ta' għoti, huma jkunu rrappreżentaw b'mod skorrett l-informazzjoni meħtieġa bħala kundizzjoni għall-parteciġazzjoni jew naqsu milli jipprovdu dik l-informazzjoni
- kienu preċedentement involuti fit-tnejn tas-sejħa u din tinkludi distorsjoni tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi rimedjata b'xi mod ieħor (kunflitt ta' interess).

## 8. Proċedura ta' evalwazzjoni u għoti

Il-proposti se jkollhom isegwu l-**proċedura standard ta' sottomissjoni u ta' evalwazzjoni** (sottomissjoni fi stadju wieħed + evalwazzjoni fi stadju wieħed)

**Kumitat ta' evalwazzjoni** (megħjun minn esperti esterni indipendenti) se jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha. Il-proposti l-ewwel se jiġu ċċekkjati għar-rekwiżiti formali (l-ammissibilità u l-eliġibbiltà, *ara t-taqsimiet 5 u 6*). Proposti li jinsabu ammissibbli u eliġibbli se jiġu evalwati skont il-kapaċità operazzjonali u l-kriterji għall-għoti (*ara t-taqsimiet 7 u 9*) u mbagħad se jiġu kklassifikati skont il-punteġġi tagħhom.

Għal proposti bl-istess punteġġ (fi ħdan suġġett jew pakkett baġitarju), se jiġi ddefinit **ordni ta' prijorità** skont l-approċċ li ġej:

Suċċessivament għal kull grupp ta' proposti *ex aequo*, li jibdeu bil-grupp bl-ogħla punteġġ, u jkomplu f'ordni dixxendenti:

- 1) Il-proposti *ex aequo* fi ħdan l-istess suġġett se jingħataw prijorità skont il-punteġġi li jkunu ngħataw għall-kriterju għall-għoti "Rilevanza". Fejn dawn il-punteġġi jkunu ugwali, il-prijorità se tiġi bbażata fuq il-punteġġi tagħhom għall-kriterju "Kwalità". Fejn dawn il-punteġġi jkunu ugwali, il-prijorità se tiġi bbażata fuq il-punteġġi tagħhom għall-kriterju "Impatt".

Il-proposti kollha se jiġu infurmati dwar ir-riżultat tal-evalwazzjoni (**ittra dwar ir-riżultat tal-evalwazzjoni**). Proposti ta' suċċess se jiġu mistiedna għat-tnejn tal-għotjiet; l-oħrajn se jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva jew jiġu rifjutati.

 L-ebda impenn għall-finanzjament — Stedina għat-tnejn tal-għotjiet MA tikkostitwix impenn formali għall-finanzjament. Xorta waħda jkun għad fadlilna nnettqu diversi kontrolli legali qabel tingħata l-għotja: *validazzjoni tal-entità ġuridika, kapaċità finanzjarja, kontroll ta' esklużjoni, eċċ.*

It-**tnejn tal-għotjiet** tinvolvi djalogu sabiex jiġu rfinuti l-aspetti tekniċi jew finanzjarji tal-proġett, u tista' tirrikjedi informazzjoni addizzjonali min-naħa tiegħek. Dan jista' jinkludi wkoll aġġustamenti għall-proposta biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ta' evalwazzjoni jew xi tħassib ieħor. Il-konformità se tkun prekondizzjoni għall-iffirmar tal-għotja.

Jekk temmen li l-proċedura ta' evalwazzjoni ma mxiex kif suppost, tista' tressaq **ilment** (skont l-iskadenzi u l-proċeduri stipulati fl-ittra dwar ir-riżultat tal-evalwazzjoni). Jekk jogħġbok kun af li n-notifiki li ma jkunux infetħu fi żmien 10 ijiem wara li jintbagħtu jitqiesu bħala li ġew aċċessati, u l-iskadenzi se jingħaddu mill-ftuħ/aċċess (*ara wkoll it-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Portal għall-Finanzjament u l-Offerti*). Jekk jogħġbok kun af ukoll li għall-ilmenti sottomessi elettronikament, jista' jkun hemm limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' karattri.

## 9. Kriterji għall-aġġudikazzjoni

<sup>16</sup> Ara l-Artikolu 141 Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE [2018/1046](#).

**Il-kriterji għall-għoti** għal din is-sejħa huma kif ġej:

- **Rilevanza:** sa liema punt il-proposta taqbel mal-prijoritajiet u mal-obiettivi tas-sejħa; ħtiġijiet definiti b'mod ċar u valutazzjoni robusta tal-ħtiġijiet; grupp fil-mira definit b'mod ċar, bil-perspettiva tal-ġeneru meqjusa kif xieraq; kontribut għall-kuntest strateġiku u leġiżlattiv tal-UE; dimensjoni Ewropea/tranżnazzjonali; impatt/interess għal għadd ta' pajjiżi (pajjiżi tal-UE jew pajjiżi mhux tal-UE eliġibbli); il-possibbiltà li r-riżultati jintużaw f'pajjiżi oħra (potenzjal għat-trasferiment ta' prattika tajba); il-potenzjal li tiġi żviluppata fiduċja reċiproka/kooperazzjoni transfruntiera. (40 punt)
- **Kwalità:** ċarezza u konsistenza tal-proġett; rabtiet loġiċi bejn il-problemi, il-ħtiġijiet u s-soluzzjonijiet identifikati proposti (kunċett ta' qafas loġiku); metodoloġija għall-implimentazzjoni tal-proġett bit-teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-perspettiva tal-ġeneru (l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-iskeda ta' żmien, l-allokkazzjoni tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tal-kompiti bejn is-sħab, ir-riskji u l-ġestjoni tar-riskji, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni); il-kwistjonijiet etiċi huma indirizzati; il-fattibbiltà tal-proġett fi ħdan il-perjodu propost; proposti oriġinali u innovattivi. (40 punt)
- **Impatt:** l-ambizzjoni u l-impatt mistenni fit-tul tar-riżultati fuq il-gruppi fil-mira/il-pubbliku ġenerali; l-impatt prevedibbli, b'mod partikolari għall-gruppi fil-mira identifikati, huwa definit b'mod ċar u hemm miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-impatt ikun jista' jinkiseb u jiġi evalwat. L-outputs tal-proġett għandhom il-potenzjal li jappoġġaw il-bidliet, it-titjib, jew l-iżviluppi fit-tul għall-benefiċċju tal-gruppi fil-mira kkonċernati; jiggarrantixxu l-viżibbiltà tal-Programm CERV u l-appoġġ tal-UE; strateġija ta' tixrid xierqa biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-impatt fit-tul; il-potenzjal għal effett multiplikatur pożittiv; Is-sostenibbiltà tar-riżultati wara li jintemm il-finanzjament tal-UE. (20 punt)

Kriterji għall-aġġudikazzjoni	Punteġġ minimu meħtieġ	Punteġġ massimu
Relevance	25	40
Kwalità — Tfassil u implimentazzjoni tal-proġett	mhux disponibbli	40
Impatt	mhux disponibbli	20
<b>Punteġġi globali (meħtieġa)</b>	<b>70</b>	<b>100</b>

Punti massimi: 100 punt.

Soll individwali għall-kriterju "Rilevanza": 25/40 punt.

Soll globali: 70 punt.

Il-proposti li jaqbu s-soll individwali għall-kriterju "Rilevanza" U s-soll globali se jitqiesu għall-finanzjament — fi ħdan il-limiti tal-baġit tas-sejħa disponibbli. Proposti oħra se jiġu rifjutati.

## 10. L-istruttura legali u finanzjarja tal-Ftehimiet ta' Għotja

Jekk tgħaddi mill-evalwazzjoni, il-proġett tiegħek se jiġi mistieden għat-tnejn tal-għotja, fejn se tintalab tnejn l-Ftehim ta' Għotja flimkien mal-Uffiċjal tal-Proġett tal-UE.

Dan il-Ftehim ta' Għotja se jstabbilixxi l-qafas għall-għotja tiegħek kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha, b'mod partikolari rigward ir-riżultati tanġibbli, ir-rappurtar u l-pagamenti.

Il-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja li se jintuża (u l-mudelli u d-dokumenti ta' gwida rilevanti l-oħra kollha) jistgħu jinsabu fuq id-[Dokumenti ta' Referenza tal-Portal](#).

#### Data tal-bidu u durata tal-proġett

Id-data tal-bidu u d-durata tal-proġett se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 1*). Normalment id-data tal-bidu tkun wara l-firma tal-għotja u mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-firma tal-għotja. F'każijiet eċċezzjonali tista' tingħata data tal-bidu retroattiva għal raġunijiet debitament ġustifikati — iżda qatt qabel id-data tas-sottomissjoni tal-proposta.

Durata tal-proġett: *ara t-taqsimha 6 hawn fuq*.

#### Stadji importanti u riżultati tanġibbli

L-istadji importanti u r-riżultati tanġibbli għal kull proġett se jiġu mmaniġġati permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Għotjiet tal-Portal u se jiġu riflessi fl-Anness 1 tal-Ftehim ta' Għotja.

L-attivitajiet tal-proġett iridu jiġu organizzati bħala pakkett(i) ta' ħidma. Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq il-paġna tal-mistoqsijiet frekwenti.

Ir-riżultati tal-pakketti ta' ħidma jridu jinkludu l-Iskeda tad-Deskrizzjoni tal-Avveniment għal kull avveniment (dokument obligatorju). L-Iskedi tad-Deskrizzjoni tal-Avveniment iridu jiġu ppubblikati fuq il-paġna web tal-muniċipalità/koordinatur għall-proġetti magħżula u jistgħu jinkludu wkoll aġendi jew minuti ta' laqgħat, rapporti ta' evalwazzjoni u/jew ta' kontroll tal-kwalità, sett ta' indikaturi għall-valutazzjoni tal-attivitajiet u l-impatt tagħhom, rapporti ta' tfassil/ippjanar, fuljetti, rakkomandazzjonijiet, u dokumenti strateġiċi oħra li fihom il-konklużjonijiet tal-attivitajiet.

#### Il-forma tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament u l-ammont massimu tal-għotja

Il-parametri tal-għotja (*l-ammont massimu tal-għotja, ir-rata ta' finanzjament, l-ispejjeż eliġibbli totali, eċċ.*) se jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 3 u l-Artikolu 5*).

Baġit tal-proġett (ammont massimu tal-għotja): bla limitu. L-għotja li tingħata tista' tkun inqas mill-ammont mitlub.

L-għotja se tkun għotja ta' somma f'daqqa. Dan ifisser li se tirrimborża ammont fiss abbażi ta' somma f'daqqa jew finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż. L-ammont se jiġi stabbilit mill-awtorità awtorizzanti abbażi tal-ammonti varjabbli li tkun stabbiliet minn qabel, kif ukoll l-istimi indikati mill-benefiċjarji fil-baġit tal-proġett tagħhom<sup>17</sup>.

#### Il-kategoriji tal-baġit u r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż

<sup>17</sup> [ls-decision\\_cerv\\_en.pdf \(europa.eu\)](#)

Il-kategoriji tal-baġit u r-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż huma stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 3, l-Artikolu 6 u l-Anness 2*).

*Il-kategoriji tal-baġit għal din is-sejħa:*

– **Kontribuzzjonijiet ta' somma f'daqqa**<sup>18</sup>

Il-kalkolu tas-somma f'daqqa huwa bbażat fuq żewġ parametri: l-għadd ta' parteċipanti diretti totali (lokali u mhux nazzjonali) u l-għadd ta' pajjiżi eliġibbli għal kull avveniment (in situ jew online).

Avveniment iseħħ f'perjodu definit u jista' jinkludi tipi differenti ta' attivitajiet (konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, taħriġ, seminars, dibattiti, webinars, esibizzjonijiet, wiri/irrekordjar ta' films, kampanji, pubblikazzjonijiet, sħarriġiet, riċerka, flashmobs, eċċ.) marbuta ma' attività li tiġbor flimkien gruppi fil-mira.

[Għal aktar informazzjoni dwar avvenimenti u kif tistruttura l-formola tal-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ara t-taqsima rilevanti dwar il-mistogsijiet frekwenti fuq il-paġna tas-Suġġett. Arranġamenti ta' rappurtar u ta' pagament](#)

[Arranġamenti ta' rappurtar u ta' pagament](#)

L-arranġamenti ta' rappurtar u ta' pagament huma stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 4 u l-Artikoli 21 u 22*).

Wara l-iffirmar tal-għotja, normalment tirċievi **prefinanzjament** biex tibda taħdem fuq il-proġett (ammont minn qabel li normalment ikun **60 %** tal-ammont massimu tal-għotja; f'każijiet eċċezzjonali inqas jew l-ebda prefinanzjament). Il-prefinanzjament jitħallas 30 jum mid-dħul fis-seħħ/mill-garanzija finanzjarja (jekk meħtieġ) – skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti.

**Pagament tal-bilanċ:** Fi tmiem il-proġett, aħna se nikkalkulaw l-ammont finali tal-għotja tiegħek. Jekk it-total tal-pagamenti preċedenti jkun ogħla mill-ammont finali tal-għotja, nitolbuk (il-koordinatur tiegħek) tħallas lura d-differenza (irkupru).

Il-pagamenti kollha jsiru lill-koordinatur.

 Jekk jogħġbok kun af li l-pagamenti se jitnaqqsu awtomatikament jekk wieħed mill-membri tal-konsorzju tiegħek ikollu djun pendenti lejn l-UE (awtorità awtorizzanti jew korpi oħra tal-UE). Dawn id-djun se jiġu kkompensati minna — f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja (*ara l-Artikolu 22*).

Jekk jogħġbok innota wkoll li inti responsabbli biex iżżomm rekords dwar il-ħidma kollha li tkun għamilt.

[Garanziji ta' prefinanzjament](#)

Jekk tkun meħtieġa garanzija ta' prefinanzjament, din tiġi stabbilita fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 4*). L-ammont jiġi stabbilit matul it-tnejn tal-għotja u normalment ikun daqs jew inqas mill-prefinanzjament għall-għotja tiegħek.

Il-garanzija għandha tkun f'euro u tinħareġ minn bank/istituzzjoni finanzjarja approvata stabbilita fi Stat Membru tal-UE. Jekk inti stabbilit f'pajjiż mhux tal-UE u tixtieq tippovdi garanzija minn bank/istituzzjoni finanzjarja f'pajjiżek, jekk jogħġbok ikkuntattjana (dan jista' jiġi aċċettat f'każijiet eċċezzjonali, jekk joffri sigurtà ekwivalenti).

<sup>18</sup> Id-[Deċiżjoni](#) tat-30 ta' Settembru 2022 li tawtorizza l-użu ta' somom f'daqqa għal azzjonijiet taħt il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (2021-2027).

Ammonti imblukkati f'kontijiet tal-bank MHUMIEX se jiġu aċċettati bħala garanziji finanzjarji.

Il-garanziji ta' prefinanzjament normalment jintalbu mill-koordinatur, għall-konsorzju. Dawn iridu jiġu pprovduti matul it-tnejn tal-għotja, fil-ħin sabiex isir il-prefinanzjament (kopja skennjata permezz tal-Portal U l-kopja oriġinali bil-posta).

Jekk isir qbil magħna, il-garanzija bankarja tista' tiġi sostitwita b'garanzija minn parti terza.

Il-garanzija tiġi rilaxxata fi tmiem l-għotja, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Għotja.

### Ċertifikati

Skont it-tip ta' azzjoni, id-daqs tal-ammont tal-għotja u t-tip ta' beneficijarji, tista' tintalab tissottometti ċertifikati differenti. It-tipi, l-iskedi u s-sollijiet għal kull ċertifikat huma stabbiliti fil-ftehim ta' għotja (*Skeda ta' Data, il-punt 4 u l-Artikolu 24*).

### Sistema ta' responsabbiltà għall-irkupri

Ir-reġim tal-obbligu għall-irkupri se jiġi stabbilit fil-Ftehim ta' Għotja (*Skeda ta' Data il-punt 4.4 u l-Artikolu 22*).

Għall-benefiċjarji, din hija waħda minn dawn li ġejjin:

- obligazzjoni *in solidum* limitata b'limiti massimi individwali — *kull beneficijarju sal-ammont massimu tal-għotja tiegħu*
  - obligazzjoni *in solidum* mingħajr kundizzjonijiet — *kull beneficijarju sal-ammont massimu tal-għotja għall-azzjoni*
- jew
- responsabbiltà finanzjarja individwali — *kull beneficijarju għad-djun tiegħu biss*.

Barra minn hekk, l-awtorità awtorizzanti tista' tirrikjedi obligazzjoni *in solidum* ta' entitajiet affiljati (mal-benefiċjarju tagħhom).

### Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-proġett

Regoli tad-DPI: *ara l-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja (l-Artikolu 16 u l-Anness 5):*

- drittijiet ta' użu tar-riżultati: Iva

Komunikazzjoni, tixrid u viżibbiltà tal-finanzjament: *ara l-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja (l-Artikolu 17 u l-Anness 5):*

- attivitajiet addizzjonali ta' komunikazzjoni u tixrid: Iva

### Speċifikitajiet oħra

mhux disponibbli

### Nuqqas ta' konformità u ksur tal-kuntratt

Il-Ftehim ta' Għotja (il-kapitolu 5) jipprevedi l-miżuri li nistgħu nieħdu f'każ ta' ksur tal-kuntratt (u kwistjonijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità).

 Għal aktar informazzjoni, ara [AGA — Ftehim ta' Għotja Annotat](#).

## **11. Kif tissottometti applikazzjoni**

Il-proposti kollha jridu jiġu sottomessi direttament online permezz tas-Sistema ta' Sottomissjoni Elettronika tal-Portal għall-Finanzjament u l-Offerti. L-applikazzjonijiet stampati MHUMIEX aċċettati.

Is-sottomissjoni hija **proċess f'żewġ stadji**:

**a) oħloq kont tal-utent u rreġistra l-organizzazzjoni tiegħek**

Biex jużaw is-Sistema ta' Sottomissjoni (l-uniku mod kif tapplika), il-parteċipanti kollha għandhom [joħolqu kont tal-utent ta' EU Login](#).

Ladarba jkollok kont ta' EU Login, tista' [tirreġistra l-organizzazzjoni](#) tiegħek fir-Reġistru tal-Parteċipanti. Meta r-reġistrazzjoni tiegħek tiġi ffinalizzata, tirċievi kodiċi ta' identifikazzjoni tal-parteċipant b'disa' ċifri (PIC).

**b) issottometti l-proposta**

Aċċessa s-Sistema ta' Sottomissjoni Elettronika permezz tal-paġna Suġġett fit-taqsima [Fittex Finanzjament u Offerti](#) (jew, għal sejħiet mibgħuta bi stedina għas-sottomissjoni ta' proposta, permezz tal-link ipprovdut fl-ittra ta' stedina).

Issottometti l-proposta tiegħek f'erba' partijiet, kif ġej:

- Il-Parti A tinkludi informazzjoni amministrattiva dwar l-organizzazzjonijiet applikanti (koordinatur futur, benefiċjarji, entitajiet affiljati u sħab assoċjati) u l-baġit fil-qosor għall-proposta. Imliha direttament online.
- Il-Parti B (deskrizzjoni tal-azzjoni) tkopri l-kontenut tekniku tal-proposta. Niżżel il-mudell obligatorju bħala Word mis-Sistema ta' Sottomissjoni, imlih u tellgħu bħala fajl PDF
- Il-Parti C fiha *data* addizzjonali dwar il-proġett. Għandha timtela direttament online.
- Annessi (*ara t-taqsima 5*). Tellagħhom bħala fajl PDF (wieħed jew multiplu skont l-islots). L-applowdjar tal-Excel xi drabi jkun possibbli, skont it-tip ta' fajl.

Il-proposta għandha tirrispetta l-**limiti tal-paġni** (*ara t-taqsima 5*); paġni żejda jiġu injorati.

Id-dokumenti jridu jittellgħu fil-**kategorija t-tajba** fis-Sistema ta' Sottomissjoni, inkella l-proposta tista' titqies bħala mhux kompluta u għalhekk inammissibbli.

Il-proposta għandha tiġi sottomessa **qabel l-iskadenza tas-sejħa** (*ara t-taqsima 4*). Wara din l-iskadenza, is-sistema tingħalaq u ma jkunux jistgħu jiġu sottomessi aktar proposti.

Ladarba l-proposta tiġi sottomessa, tirċievi **email ta' konferma** (bid-data u l-ħin tal-applikazzjoni tiegħek). Jekk ma tircievix din l-email ta' konferma, dan ifisser li l-proposta tiegħek MA ĠIETX sottomessa. Jekk temmen li dan huwa dovut għal difett fis-Sistema ta' Sottomissjoni, għandek tressaq ilment minnufih permezz tal-[formola web tal-Helpdesk tal-IT](#), fejn tispjega ċ-ċirkostanzi u tehmeż kopja tal-proposta (u, jekk possibbli, ritratti tal-iskrin biex turi x'għara).

Id-dettalji dwar il-proċessi u l-proċeduri huma deskritti fil-[Manwal Online](#). Il-Manwal Online fih ukoll il-links għall-FAQs u struzzjonijiet dettaljati dwar is-Sistema ta' Skambju Elettroniku tal-Portal.

## 12. Għajnuna

Kemm jista' jkun, **jekk jogħġbok ipprova sib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek inti stess**, f'din id-dokumentazzjoni u fid-dokumentazzjoni l-oħra (għandna riżorsi limitati biex nindirizzaw mistoqsijiet diretti):

- [Manwal Online](#)
- FAQs fuq il-paġna tas-Suġġett (għal mistoqsijiet speċifiċi għas-sejħa fis-sejthiet miftuħa; mhux applikabbli għal azzjonijiet permezz ta' stedina)
- [Portal tal-FAQ](#) (għal mistoqsijiet ġenerali).

Jekk jogħġbok ikkonsulta wkoll il-paġna Suġġett regolarment, billi se nużawha biex nipubblikaw aġġornamenti tas-sejthiet. (Għal stedinet, nikkuntattjawk direttament f'każ ta' aġġornament tas-sejħa).

### *Kuntatt*

Għal għajnuna relatata ma' din is-sejħa tista' tikkuntattja lill-[Punt ta' Kuntatt CERV](#) ta' pajjiżek.

Għal mistoqsijiet individwali dwar is-Sistema ta' Sottomissjoni tal-Portal, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-[Helpdesk tal-IT](#).

Mistoqsijiet mhux relatati mal-IT għandhom jintbagħtu fl-indirizz elettroniku li ġej:

[EACEA-CERV@ec.europa.eu](mailto:EACEA-CERV@ec.europa.eu).

Jekk jogħġbok indika b'mod ċar ir-referenza tas-sejħa u s-suġġett relatat mal-mistoqsija tiegħek (*ara l-qoxra ta' quddiem*).

## 13. Importanti



### IMPORTANTI

- **Tistennix sal-aħħar** — Lesti l-applikazzjoni tiegħek sew qabel id-data ta' għeluq biex tiġi evitata kwalunkwe **problema teknika** tal-aħħar minuta. Problemi li jinqalgħu minħabba sottomissjonijiet fl-aħħar minuta (eż. *konġestjoni, eċċ.*) se jkunu kompletament b'riskju għalik. L-iskadenzi tas-sejħa MA JISTGĦUX jiġu estiżi.
- **Ikkonsulta** l-paġna Suġġett tal-Portal b'mod regolari. Aħna se nużawha biex nipubblikaw aġġornamenti u informazzjoni addizzjonali dwar is-sejħa (aġġornamenti dwar is-sejħa u s-suġġett).
- **Finanzjament u Sistema ta' Skambju Elettroniku tal-Portal għall-Offerti** — Billi jissottomettu applikazzjoni, il-parteċipanti kollha **jaċċettaw** li jużaw is-sistema ta' skambju elettroniku f'konformità mat-[Termini u l-Kundizzjonijiet tal-Portal](#).
- **Reġistrazzjoni** — Qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni, il-benefiċjarji, l-entitajiet affiljati u s-sħab assoċjati kollha jridu jkunu rreġistrati fir-[Reġistru tal-Parteċipanti](#). Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-parteċipant (PIC) (wieħed għal kull parteċipant) huwa obbligatorju għall-Formola ta' Applikazzjoni.
- **Rwoli tal-konsorzju** — Meta tkun qed tistabbilixxi l-konsorzju tiegħek, għandek taħseb dwar l-organizzazzjonijiet li jgħinuk tilħaq l-oġġettivi u ssolvi l-problemi.
- Ir-rwoli għandhom jiġu attribwiti skont il-livell ta' parteċipazzjoni fil-proġett. Il-parteċipanti prinċipali għandhom jipparteċipaw bħala **benefiċjarji** jew bħala **entitajiet affiljati**; entitajiet oħra jistgħu **jipparteċipaw** bħala sħab assoċjati, sottokuntratturi, partijiet terzi li jagħtu kontribuzzjonijiet *in natura*. **Sħab assoċjati** u partijiet terzi li jagħtu kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji għandhom iġarrbu l-kostijiet tagħhom stess (mhux se jsiru riċevituri formali tal-finanzjament tal-UE). Is-**sottokuntrattar** normalment għandu jikkostitwixxi parti limitata u jrid jitwettag minn partijiet terzi (mhux minn wieħed mill-benefiċjarji/entitajiet affiljati). Is-sottokuntrattar li jmur lil hinn minn 30 % tal-ispejjeż totali eliġibbli jrid jiġi ġġustifikat fl-applikazzjoni.
- **Koordinatur** — F'għotjiet multibenefiċjarji, il-benefiċjarji jipparteċipaw bħala konsorzju (grupp ta' benefiċjarji). Dawn se jkollhom jagħżlu koordinatur li se jieħu ħsieb il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-proġett u se jirrappreżenta l-konsorzju quddiem l-awtorità awtorizzanti. F'għotjiet monobenefiċjarji, il-benefiċjarju uniku se jkun awtomatikament il-koordinatur.
- **Entitajiet affiljati** — L-applikanti jistgħu jipparteċipaw ma' entitajiet affiljati (jiġifieri entitajiet marbuta ma' benefiċjarju li jipparteċipaw fl-azzjoni bi drittijiet u b'obbligi simili bħall-benefiċjarji, iżda ma jiffirmawx l-għotja u għalhekk ma jsirux benefiċjarji huma nfushom). Dawn se jiksbu parti mill-flus tal-għotjiet u għalhekk iridu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa u jiġu vvalidati (bħall-benefiċjarji); iżda ma jgħoddux fir-rigward tal-kriterji minimi ta' eliġibbiltà għall-kompożizzjoni tal-konsorzju (jekk ikun hemm).
- **Sħab assoċjati** — L-applikanti jistgħu jipparteċipaw ma' sħab assoċjati (jiġifieri organizzazzjonijiet sħab li jipparteċipaw fl-azzjoni iżda mingħajr id-dritt li jingħataw flus tal-għotja). Huma jipparteċipaw mingħajr finanzjament u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu vvalidati.
- **Ftehim ta' konsorzju** — Għal raġunijiet prattiċi u legali huwa rrakkomandat li jiġu stabbiliti arranġamenti interni li jippermettulek tittratta ċirkostanzi eċċezzjonali jew

imprevisti (fil-każijiet kollha, anke jekk mhux obligatorji skont il-Ftehim ta' Għotja). Il-ftehim ta' konsorzju jagħtik ukoll il-possibbiltà li tiddistribwixxi mill-ġdid il-flus tal-għotja skont il-prinċipji u l-parametri interni tal-konsorzju tiegħek (pereżempju, benefiċjarju wieħed jista' jattribwixxi l-flus tal-għotja tiegħu mill-ġdid lil benefiċjarju ieħor). Il-ftehim ta' konsorzju għalhekk jippermettitek li tippersonalizza l-għotja tal-UE skont il-ħtiġijiet li jkollu l-konsorzju tiegħek, u jista' jgħin ukoll biex jiproteġik f'każ ta' tilwim.

- **Baġit ibbilanċjat tal-proġett** — L-applikazzjonijiet għall-għotja jridu jiżguraw baġit ibbilanċjat tal-proġett u riżorsi oħra suffiċjenti biex jimplimentaw il-proġett b'suċċess (eż. *kontribuzzjonijiet proprji, introjtu ġenerat mill-azzjoni, kontribuzzjonijiet finanzjarji minn partijiet terzi, eċċ*). Inti tista' tintalab tnaqqas il-kostijiet smati tiegħek jekk dawn ikunu ineliġibbli (inkluż eċċessivi).
- **Regola li tipprojbixxi l-profitt** — L-għotjiet MA JISTGĦUX jagħmlu profitt (jiġifieri surplus tad-dħul + l-għotja tal-UE fuq il-kostijiet). Dan jiġi ċċekkjat minna fi tmiem il-proġett.
- **L-ebda finanzjament doppju** — Hemm projbizzjoni stretta fuq finanzjament doppju mill-baġit tal-UE (għajr taħt l-azzjonijiet ta' Sinerġiji tal-UE). Barra minn azzjonijiet ta' Sinerġiji bħal dawn, kwalunkwe azzjoni partikolari tista' tirċievi biss għotja WAĦDA mill-baġit tal-UE u l-elementi ta' spejjeż taħt L-EBDA ċirkostanza ma jistgħu jiġu ddikjarati għal żewġ azzjonijiet differenti tal-UE.
- **Proġetti lesti/li għadhom għaddejnin** — Proposti għal proġetti li diġà tlestew se jiġu miċħuda; proposti għal proġetti li jkunu diġà bdew se jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ (f'dan il-każ, l-ebda spiża ma tista' tiġi rimborżata għal attivitajiet li jkunu seħew qabel id-data tal-bidu tal-proġett/is-sottomissjoni tal-proposta).
- **Kombinament ma' għotjiet operattivi tal-UE** — Il-kombinament ma' għotjiet operattivi tal-UE huwa possibbli jekk il-proġett jibqa' barra mill-programm ta' ħidma tal-għotja operattiva u inti tiżgura li l-elementi ta' spejjeż jkunu separati b'mod ċar fil-kontabbiltà tiegħek u MA JIĠUX iddikjarati darbtejn (*ara [AGA — Mudell Annotat ta' Ftehim ta' Għotja, l-Artikolu 6.2.E](#)*).
- **Proposti multipli** — L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn proposta waħda għal proġetti differenti taħt l-istess sejħa (u jingħataw finanzjament għalihom). Organizzazzjonijiet jistgħu jipparteċipaw f'bosta proposti.  
IMMA: jekk ikun hemm bosta proposti għal proġetti *simili* ħafna iżda tiġi aċċettata u evalwata applikazzjoni waħda biss; l-applikanti jintalbu jirtiraw waħda minnhom (jew din tiġi rifjutata).
- **Sottomissjoni mill-ġdid** — Il-proposti jistgħu jinbidlu u jiġu sottomessi mill-ġdid sal-iskadenza għas-sottomissjoni.
- **Rifjut** — Bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikanti kollha jaċċettaw il-kundizzjonijiet tas-sejħa stipulati f'dan id-Dokument ta' Sejħa (u d-dokumenti li jirreferi għalihom). Il-proposti li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa jiġu **rifjutati**. Dan japplika wkoll għall-applikanti: L-applikanti kollha jridu jissodisfaw il-kriterji; jekk xi wieħed minnhom ma jissodisfahomx, dan irid jiġi sostitwit jew il-proposta kollha tiġi miċħuda.
- **Kanċellazzjoni** — Jista' jkun hemm ċirkostanzi li jistgħu jirrikjedu li s-sejħa tiġi kkanċellata. F'dan il-każ, tiġi infurmat(a) permezz ta' aġġornament dwar is-sejħa jew is-suġġett. Jekk jogħġbok osserva li l-kanċellazzjonijiet ma jagħtux lok għal dritt għal kumpens.

- **Lingwa** — Tista' tissottometti l-proposta tiegħek bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE (madankollu, ir-riassunt/is-sommarju tal-proġett dejjem għandu jkun bl-Ingliż). Għal raġunijiet ta' effiċjenza, nirrakkomandaw ħafna li tuża l-Ingliż għall-applikazzjoni kollha. Jekk tkun teħtieġ id-dokumentazzjoni tas-sejħa f'lingwa uffiċjali oħra tal-UE, jekk jogħġbok issottometti talba fi żmien 10 ijiem mill-pubblikazzjoni tas-sejħa (għall-informazzjoni ta' kuntatt, *ara t-taqsimha 12*).
- **Trasparenza** — F'konformità mal-Artikolu 38 tar-[Regolament Finanzjarju tal-UE](#), l-informazzjoni dwar l-għotjiet tal-UE mogħtija tiġi ppubblikata kull sena fuq is-[sit web Europa](#).

Dan jinkludi:

- l-ismijiet tal-benefiċjarji
- l-indirizzi tal-benefiċjarji
- l-iskop li għalih tkun ingħatat l-għotja
- l-ammont massimu mogħti

F'każijiet eċċezzjonali (fuq talba motivata u debitament sostanzjata) il-pubblikazzjoni tista' ma ssirx, jekk ikun hemm riskju li l-iżvelar jista' jipperikola d-drittijiet u l-libertajiet tiegħek skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jew inkella tagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tiegħek.

- **Protezzjoni tad-data**— Is-sottomissjoni ta' proposta skont din is-sejħa tinvolvi l-ġbir, l-użu u l-ipproċessar ta' *data* personali. Din id-*data* se tiġi pproċessata f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Din tiġi pproċessata biss għall-iskop tal-evalwazzjoni tal-proposta tiegħek, il-ġestjoni sussegwenti tal-għotja tiegħek u, jekk meħtieġ, għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-programm u għall-komunikazzjoni. Id-dettalji huma spjegati fl-[Istqarrija ta' Privatezza tal-Portal għall-Finanzjament u l-Offerti](#).